waqt gwerra qalila wiċċ imb wiċċ mal-mewt. Żweli jaf li l-ħajja trid tibqa' għaddejja – imma mogħnija b'żieda ta' għerf u valuri mġedda.

Joseph Busuttil ipinġi lix-xwejjaħ Żweli bħala bniedem elokwenti li juri li jekk aħna ma napprezzawx dak li Alla tana, u ma nkunux nafu mnejn tlaqna, ma nkunu nistgħu qatt insibu fejn irridu naslu bħala ġens. Żweli hu wieħed mill-aħħar bdiewa ta' Ħ'Attard u jitfa' dawl qawwi fuq il-ġrajja soċjali u t-tibdiliet kbar li ġarrab dan ir-raħal.

Il-ktieb fih 214 paġna jinkludi ritratti nostalġiċi ta' soċjetà mgħoddija, għandu kumment kritiku ta' Paul P. Borg, hu pubblikazzjoni tal-Awtur u mitbugħ Progress Press u illustrat.

Dan il-ktieb jista' jinkiseb mis-sit: https://bdlbooks.com/product/zweli/

## Lil Bormla - Tliet Mitt Sena Belt ta' Mario Attard

Tissammar ħarsti tħares lejk
Tarak bħal ġawhra ġewwa l-qlub
Ta' kull Bormliż li inti tgħożż,
Li għalih inti l-għaxqa f'għajnejh.

Kienu huma, il-Bormliżi kollha,
Li tul il-mixja ta' kull żmien
Ma naqsukx le, mill-qima tagħhom
Biha għanewk u biha weġġgħuk.

Jixhduh sewwa missirijietna,
U inti taf tajjeb x'jiena ngħid.
Tixhdu wkoll in-nisġa tal-ġrajja
Li minn bur ratek issir belt.

Ħa jitkellmu s-swar, wieħed wieħed
Ukoll it-toroq tiegħek, kemm triegħdu
Raw b'imwiet mal-qiegħa minn uliedek,
Tiġrif u nies għall-kenn titbiegħed.
Bkejt Bormla dakinhar ma' wliedek
Meta l-gwerra kitbet ġrajjietek.
U bkejt iktar imma bil-ferħ
Tara lura lil Sidt il-Belt.
Kburi l-poplu li rawwimt fik
Imħabbtu bla kejl, ma tintiżinx.
Ukoll f'min minnu jgħammar bgħid,
Inti f'qalbu, la taħseb xej'.

Ħa nifraħ miegħek Belt twelidi
Ħa jifirħu l-Bormliżi kollha
Illum, tliet sekli mindu s-Sultan 9
Għammdek bl-isem Città Cospicua
Għax is-swar u dirgħajn uliedek
Spalla ma' spalla tqabdu dejjem
Mill-assedju sal-gwerra l-kbira.
B'dan kburin inti u wliedek.

## Aria (silta min Ġensna) ta' Raymond Mahoney għal Jum ir-Repubblika

Fis-skiet ta' qalbi,
fil-kenn ta' ruħ
instema' talbi,
infetħu l-qlugħ tad-dgħajsa ċkejkna
fil-port kaħlan,
tistenna r-riħ
jitqawwa sħiħ
biex lejn il-ħmura
ta' xemx fil-bogħ'd
bla tħares lura
tbaħħar bilmod
sa tasal ħiemda
fl-art tat-tamiet ,
fejn sliem l-għeżież
irodd lin-nies
l-imħabba ġdida
li jien nagħtik,
t'eroj f'taqbida
il-merħba nagħtik,
b'dil-warda ħamra
u nara fik
tal-qalbenin
il-qalb f'kull ħin –
li tħobb u tagħder
li tgħożż u tqim,
il-qalb li taħfer,
il-qalb li tnin
mad-dieqa mreżżħa
ta' snin l'għaddew
li mal-irjieħ
taż-żminiet
temmew.

### Ħsieb ta' Alfred Palma dwar Storja u Kultura Ħaż-Żabbar 2021 (Ħarġa numru 11)

Kif jien bsart sa mill-bidunett li fl-2010 ħarġet l-ewwel edizzjoni ta' Storja u Kultura Ħaż-Żabbar, ħarġa rqajqa iżda ġa interessanti bil-bosta, storika, informattiva u edukattiva, dak li fil-bidu kien ktejjeb, bil-mod il-mod, sena wara sena u ħajr għall-ħidma sfiqa u ma taqta' xejn tal-Editur ħabrieki, is-Sur Malcolm Schembri, il-ktejjeb baqa' jismen u jimtela dejjem aktar b'artikli, tagħrif u ritratti mill-aktar interessanti.

U din is-sena, ħarġa numru 11 hija tabilħaqq ktieb (ieħor) mill-isbaħ, voluminuż u ta' nteress kbir u partikolari mhux biss għalina ż-Żabbarin iżda wkoll għall-Maltin kollha li jgħożżu u jridu jkunu jafu aktar dwar Art Twelidhom, u sinċerament inħeġġeġ qatigħ lill-awtoritajiet konċernati biex dawn il-ħarġiet jidħlu fil-kurrikulu edukattiv.

Intant, din il-ħarġa hija tabilħaqq (u għal darb'oħra) stupenda minn kull lat. Fiha 286 faċċata, hija stampata b'mod mill-aktar professjonali u, għal darb'oħra, hija mimlija b'tagħrif storiku u informattiv mill-aqwa, biex ma nsemmix l-għadd kbir ta' ritratti (bosta minnhom rari) li, ukoll għalihom biss, il-ktieb huwa ta' min jakkwistah u jgħożżu.

Minħabba l-bosta artikli li jinsabu fl-edizzjoni ta' din id-darba wieħed jifhem li mhux possibbli li nsemmi lill-kontributuri kollha li taw sehemhom f'din il-ħarġa, bosta minnhom ilhom kontributuri sa mill-ewwel ħarġa. Għaldaqstant m'iniex se nsemmi titli ta' artikli u ismijiet, għax jekk inħalli barra lil xi ħadd, inkun inħossni qed nonqos. Iżda żgur li kulma fiha din il-ħarġa, tagħrif, artikli, ġrajjiet storiċi, poeżiji u għadd ġmielu ta' ritratti, għandu jkun apprezzat minn kulmin jakkwista din il-ħarġa u, jekk huwa fortunat li għandu l-għaxar ħarġiet l-oħra, iżidha magħhom!

Kif għidt, dawn il-ħarġiet issa saru sewwasew kotba u jalla kull ħarġa tkompli tismen fil-volum kif jien żgur li se tkompli toktor fit-tagħrif imprezzabbli li, bosta minnu, partikolarment aħna ż-Żabbarin, sirna nafuh u naprezzawh ħajr għal dawn il-ħarġiet. Iżda ntenni wkoll li l-Maltin kollha jafu jsibu f'dawn il-ħarġiet xi ħaġa li jekk forsi ma tkunx rilevanti għall-irħula jew il-bliet tagħhom, żgur li se jsibu fihom xi ħaġa li tkun rilevanti għal Malta bħala Art Twelidhom.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex jakkwista din il-ħarġa u, għaliex le, jekk forsi m'għandux l-għaxar ħarġiet li dehru qabel f'din is-sensiela, jekk jogħġbu jikkuntattja lis-Sur Malcolm Schembri, email: storjaukultura@gmail.com.

### Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla AD 1862

Nirriserva d-dritt li nikteb xi ħaġa dwar dan il-ktejjeb f'dawn il-ġranet ta' festi. Sfortunatament qed inġib dan il-ktejjeb wara l-Festa, imma l-valur ta' dan il-kotba huwa wieħed kbir f'dak li għandu x'jaqsam mal-kultura u storja tal-lokal.

Billi fix-xahar ta' Lulju 2022, Bormla tfakkar it-tieni ċentinarju minn meta saret Kollejata, l-awtur Mario Attard jagħti ħarsa storika, fosthom x'wassal biex l-1818 "Kummissjoni mwaqqfa apposta ppreżentat it-talba lill-Isqof Ferdinando Mattei biex il-parroċċa ssir Kolleġġjata". Naqraw dwar numru ta' Opri fil-Knisja Kolleġjata ta' Bormla, (p.41); artiklu interessanti dwar Is-Surmast William James Worley, (p.52); u tagħrif dwar il-Knisja ta' San Pawl ġewwa Bormla, wkoll minn Mario Attard (p.53);

L-aħħar u mhux l-inqas artiklu dwar Arċipreti u Kappillani Bormliżi, kitba tal-mibki għalliem u storiku Joe Balzan li kien kiteb fl-1995. Joe Balzan kien ex kollega tiegħi u kont nafu sew u naf anke l-imħabba li kellu għall-istorja.

Ovvjament fi ktieb bħal dan wieħed isib tagħrif dwar servizzi mużikali mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla fis-sena 2021, kif ukoll il-fehma tas-Sindku, l-Kappillan, il-President, is-Surmast u rappreżentanti tas-soċjetà.

Il-qofol huwa ċertament il-programm tal-festa (p.28).